



Brussell, 2 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

9031/26

LIMITE

CORLX 449  
CFSP/PESC 664  
EPF AM 70  
FIN 648  
COAFR 128  
ACP 44  
COPS 262  
POLMIL 197

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 dwar miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...**

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667  
dwar miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ  
għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi  
għall-perjodu 2022-2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

Fil-21 ta' April 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667<sup>1</sup>, li stabbiliet miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perijodu 2022-2024 (il-"Miżura ta' Assistenza").

F1-14 ta' April 2026, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà inkariga lill-Economat des Armées bi-implimentazzjoni ta' parti minn azzjoni b'appoġġ għall-komponent militari tal-Missjoni ta' Appoġġ u Stabbilizzazzjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja, li għandha tiġi ffinanzjata taħt il-Miżura ta' Assistenza.

Jenħtieġ li l-lista ta' entitajiet li jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ jew parzjalment azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza tinkludi lill-Economat des Armées.

Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 tiġi emendata skont dan,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/667 tal-21 ta' April 2022 dwar miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-perijodu 2022-2024 (ĠU L 121, 22.4.2022, p. 38, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/667/oj>).

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS*

Lista tal-ministeri, tad-dipartimenti tal-gvern, u ta' korpi u aġenziji oħra tal-liġi pubblika tal-Istati Membri, u ta' korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku li jkunu ngħataw garanziji finanzjarji adegwati, li jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ jew parzjalment azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza (\*):

- Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit
- Expertise France
- Défense Conseil International (DCI Group)
- Economat des Armées

Lista ta' entitajiet mingħajr skop ta' qligħ li jistgħu jimplimentaw kompletament jew parzjalment azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza:

- COGINTA

---

(\*) Din il-lista tirrelata biss mal-Miżura ta' Assistenza stabbilita minn din id-Deċiżjoni, u ma tipprekludix il-possibbiltà li jiġu appuntati entitajiet oħra għal miżuri ta' assistenza futuri, inkluż dawk li jieħdu l-forma ta' programm ġenerali."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

